DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

## Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480 **Indirizz Elettroniku:** dcmel@gov.mt

### ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 7 ta'Ottubru 2013

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 276/2013

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius Muscat, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Taħdita – Int kif tlissinha "jaqraha"?

---

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku flimkien mal-Akkademja tal-Malti qed jorganizzaw taħdita fuq il-firxa tal-pronunzja "ġdida" ta' kliem bħal [jaqraħħa] (= *jaqraha).* Tista' taqra aktar fuq dan is-suġġett fit-tagħrifa mehmuża.

It-taħdita se ssir nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2013 mill-5.30 sas-6.30 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCC), il-Ħamrun, u se tingħata mis-Sa Christina Sammut.

Christina Sammut kisbet grad tal-ewwel klassi fil-Baċellerat tal-Malti (Unuri), b'teżi marbuta mal-pronunzja tas-suffissi pronominali *-aha*, *-ahom*, *-ahulu*. Fl-2012 iggradwat fil-qasam pedagoġiku u issa tgħallem il-Malti fil-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija, l-MCAST.

Inħeġġeġ lill-edukaturi kollha, speċjalment l-għalliema tal-Malti, jattendu għat-taħdita. L-attendenza hija volontarja u d-dħul huwa bla ħlas.

Tagħrif u riżorsi oħra fuq il-lingwa Maltija jistgħu jinkisbu minn hawn:

- http://malti.skola.edu.mt
- www.akkademjatalmalti.com

Grazzi.

**Dr Frank Fabri**
**Id-Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**